Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 451 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Anne Marie Xuereb

Vs

Duncan Buttigieg

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Duncan Buttigieg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 244783 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta` Gunju 2014 u Awwissu 2014, approprja ruhu, billi dawwart bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Abigail Casha, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

U talli b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu izda

mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Abigail Casha;

U talli bi hsara ta' haddiehor u cioe ta' Abigail Casha, ghamel qligh iehor b` qerq, mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat aktar talli f` dawn il-Gzejjer f` Ottubru 2014 b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn hamest elef euro (€5000), ghad-dannu ta' Edwards Lowell Co. Ltd;

U talli bi hsara ta' haddiehor u cioe ta' Edwards Lowell Co. Ltd, ghamilt qligh iehor b` qerq, mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat aktar talli fl-Imsida bejn ix-xahar ta' Settembru 2014 u Ottubru 2014, ikkommetta serq ta' cheque li jgib in-numru 5 mahrug mill- Bank HSBC Malta plc., u li jappartjeni lil Louise Farrugia, liema serq huwa kkwalifikat, bil-persuna, bil-lok u sar ghad-dannu ta' l-istess Louise Farrugia;

U aktar talli bejn is-sena 2007 u s-sena 2008 minn gewwa l-hanut li kien igib l-isem ta' Famotre li kien sitwat fi Triq it-Turisti, Qawra, ikkommetta serq ta' VAT Official Receipt Book tad-Dipartiment tal-VAT, li jappartjeni lil Fabrizio Faniello, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

U aktar talli nhar is-26 t` Ottubru 2014, gewwa r-residenza tieghu u cioe numru 25, Triq Dun Guzepp Naudi, Ghaxaq, instab fil-pussess ta` jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggetti ghall-uzu fit-twettiq jew f` konnessjoni ma' xi frodi;

U aktar talli f`dawn il-Gzejjer, ghamel, addatta, ipprovda jew offra li jipprovdi xi oggett meta kien jaf li dak l-oggett huwa intiz jew adattat biex

jintuza fit-twettiq ta` jew f` konnessjoni ma' frodi, u bl-intenzjoni li jintuza biex twettaq frodi jew tassisti fl-ghemil ta` frodi;

U aktar talli f`dawn il-Gzejjer f`dawn l-ahhar snin, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat;

U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b` sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-22 ta' Lulju 2015 u senjatament l-Artikoli 293, 294, 310 (1) (b) qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014, l-Artikoli 308, 309 u 310 (1) (a), 261 (d), 268, 281 (1) (a), 310 B A (1), 310 B A (2) (a) u (b), 189, 49, 50, 17, 23, 23 A u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu sitt (6) snin prigunerija.

Il-Qorti inoltre ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti u dokumenti mmarkati bhala Dok. A X 5 sa 16, A X18 u A X 20 u Dok. R G 1 u Dok. R G 2 esebiti a fol. 139 u 140 tal-atti processwali.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' €81.44c liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Dumcan Buttigieg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tvarja u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onor. Qorti ghal dik li hija l-piena nflitta billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Duncan Buttigieg hu car u manifest u jikkonsisti f' dan li gej:

L-AppeII huwa bbazat fuq il-piena inflitta fis-sens li l-Ewwel Onor. Qorti messha ghaddiet sabiex tordna piena karcerarja aktar miti tenut kont tac-cirkostanti kollha tal-kaz.

Huwa minnu li Probation Officer Donnalise Livori rrakkomandat li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva. Dwar dan ma tantx hemm xi tghid fis-sens li l-appellanti stess jaqbel li kien wasal il-mument li ta' dak li ghamel jiehu l-piena li haqqu.

L-Ewwel Onor. Qorti, fid-decide taghha, iddikjarat li ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut u r-rakkomandazzjonijiet maghmula fil-Pre-Sentencing Report kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv fejn huwa nstab hati ghal reati simili ghal dawk li qed jinstab hati taghhom fil-proceduri odjerni u fejn huwa nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu.

L-Ewwel Onor. Qorti ddikjarat li jidher li l-imputat m' gharafx juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet lilu moghtija anzi kompla jimxi fit-triq tal-

kriminalita' b' mod pjuttost assidwu u ghalhekk ghalkemm ikkunsidrat ukoll l-ammissjoni bikrija registrata mill-imputat l-Ewwel Onor. Qorti deherilha li ma' kellhiex alternattiva ohra hilef li timponi piena karcerarja effettiva u mhux fil-minimum kif suggerit mid-Difiza waqt it-trattazzjoni finali izda aktar vicin il-massimu.

Illi l-bazi ta' dan l-Appell huwa propju li l-piena karcerarja nflitta kellha tkun aktar vicin il-minimu milli l-massimu u dana minhabba r-ragunijiet spjegati fil-pre sentencing report u anki l-ammissjoni bikrija. Ghalkemm huwa minnu li l-appellanti donnu jidher ma qabadx it-triq it-tajba, fil-fatt huwa biss permezz ta' piena karcerarja aktar vicin il-minimu li l-appellanti jista jkun li huwa ser jaqbad it-triq it-tajba.

Ikkunsidrat,
Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi ta' falsifikazzjoni, frodi, misapproprjazzjoni u serq li dwarhom l-appellanti gie misjub hati. Jilmenta illi l-piena komminata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u tqarreb lejn il-massimu meta allura l-Ewwel Qorti ma haditx kont ta'l-ammissjoni bikrija registrata minnu u l-konkluzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation fir-rapport taghha.

Illi mal-ewwel jigi osservat illi huwa stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".
**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which**

**their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Issa l-appellanti qieghed isejjes il-lanjanza tieghu fuq il-*quantum* tal-piena erogata billi ghalkemm ma huwiex qed jikkontesta l-fatt illi ghandha tigi inflitta piena karcerarja effettiva, madanakollu jishaq illi din ghandha tkun wahda li tqarreb lejn il-minimu u mhux lejn il-massimu kif dehrilha li kellha taghmel l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha. Jishaq illi kellu jittiehed kont

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

tal-fatt illi huwa ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrieh fi stadju bikri tal-proceduri, illi l-arlogg Rolex mehud indebitament gie irritornat lil sidu u ukoll kellu jittiehed kont tar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation fir-rapport taghha.

Issa l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha teroga l-piena ta' sitt snin prigunerija billi irrizultalha li l-appellanti huwa pluri-recidiv u inghata diversi opportunitajiet mill-qrati mal-medda tas-snin sabiex jirriforma ruhu, izda madanakollu huwa ma kien ghamel xejn biex ibiddel l-istil ta' hajja tieghu. Xhieda ta' dan hija l-fedina penali piuttost voluminuza ta'l-appellanti, li kopja aggornata taghha giet esebieta f'dan l-istadju ta' revizjoni minn fejn johorgu ghadd gmielu ta' kundanni ghal reati simili bhal dawk addebitati lill-appellanti permezz tal-presenti proceduri. Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-hsieb ta'l-Ewwel Qorti tenut kont tal-fatt illi fil-proceduri odjerni l-appellanti qieghed jiffaccja mhux inqas minn ghaxar imputazzjonijiet oltre li qed jigi akkuzat li huwa recidiv kemm a tenur ta'l-artikolu 49, kif ukoll 50 tal-Kodici Kriminali. L-appellanti ammetta ghal-akkuzi ta' frodi, falsifikazzjoni, misapproprjazzjoni u serq a detriment ta' mill-inqas erba' persuni f'episodji separati.

Illi di piu, in atti ma hemm l-ebda prova li tista remotament tindika illi l-appellanti ghamel xi progress f'hajjtu, anzi jidher ghal kuntrarju illi hemm rigress tant illi bhal issa jinsab residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Illi anke l-Ufficjal tal-Probation li hejjiet il-Pre-Sentencing Report in konnessjoni ma' dan il-kaz ma kellhiex rakkomondazzjoni ohra x'taghti lil Qorti ghajr illi l-appellanti jinghata piena karcerarja effettiva u dan meta qieset illi: "*l-imputat mhuwiex persuna affidabbli. L-Ufficjal tal-Probation qabbdet lill-imputat jigdeb ghal diversi drabi..... Punt inkwetanti li hareg matul is-sessjonijiet huwa li l-imsemmi jqis l-ingann bhala passatemp. Huwa sahaq li aktar mal-mira tieghu tkun diffikultuza sakemm jakkwistaha, din tkun aktar ta' sodisfazzjoni ghalih*" Dan apparti konsiderazzjonijiet ohra fejn gie irrappurtat illi l-appellanti jabbuza mid-droga kokajina, ma ghandu l-ebda

interess li jahdem u isib impjieg, izda xortawahda jara kif ghandu jaghmel sabiex ikollu l-flus f'idu, x'aktarx billi jirrikorri lejn il-kriminalita.

Illi allura rinfaccjata b'dawn ir-rizultanzi processwali inkwetanti ghall-ahhar, l-Ewwel Qorti sewwa ghamlet li erogat piena karcerarja qrib il-massimu ghaliex f'dawn ic-cirkostanzi huwa id-dmir tal-Qorti illi tara illi ma ikunx hemm vittmi potenzjali ohra ta'l-appellanti u li s-socjeta tigi imharsa mill-agir kriminali ripetut tieghu. Dan ukoll ghaliex potenzjali riforma tieghu ma tistax isehh lil hinn mill-inkarcerazzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda mottiv li jista' igieghla tvarja l-kalibrazzjoni tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li hija *del resto* wahda li taqa' sewwa fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur